# **Tribunal Industrijali**
# **Decizjoni Numru: 2768**

Każ Numru 3620/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Iana Podoliscaia (620657718P)

u

Prestige Travel Marketing Limited (C29906)

*dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegazzjoni ta' tkeccija ngusta (constructive dismissal)*

**Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech B.A., LL.D.**
**Illum 13 ta' Ottubru 2021**

**Preliminari**

Ir-rikorrenti ppreżentat rikors fejn spjegat illi kienet impjegata bħala full time junior supervisor mas-soċjeta intimata. Hija rriżenjat minn dan l-impjieg permezz ta' ittra tal-21 ta' Ottubru 2017 fejn fl-istess ittra hija spjegat illi kienet irriżenjat għaliex ġiet kostretta tagħmel dan tant li ddikjarat li rriżenjat *in protest* u li spiċċat *"with no other choice",* kif ukoll li s-sitwazzjoni li kienet spiċċat fiha kienet ġiet waħda *"unbearable".* Fl-istess ittra ta' riżenja hija ddikjarat li ġiet trattata b'mod diskriminatorju u irraġonevoli u li dan bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg tagħha u hekk kif ser jiġi ppruvat dan jammonta għal *constructive dismissal*. Hija ġiet imġegħla taħdem aktar *split shifts* minn ħaddieħor, tħalliet barra minn taħriġ mogħti lil kollegi tagħha u saħansitra kienet imħallsa rata ta' rimunerazzjoni inqas minn kollegi tagħha li jagħmlu l-istess xogħol tagħha jew xogħol ta' valur ugwali bi ksur tal-artikoli 26 u 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-esponenti ġiet trattata minn uffiċjali tas-soċjeta b'mod diskriminatorju, abbużiv u irraġonevoli; li d-distinzjoni fir-rati ta' rimunerazzjoni bejn l-esponenti u l-impjegati l-oħra li jagħmlu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali hija waħda illeċta u abbużiva; li s-soċjeta intimata hija responsabbli għal telf ta' qliegħ li l-esponenta soffriet minħabba d-distinzjoni illeġittima; jillikwida l-kumpens għat-telf ta' qliegħ soffert mill-esponenta, rappreżentant id-differenza fir-rati ta' ħlas, li l-esponenta ma rċivietx minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tas-soċjeta intimata; jiddikjara li r-raġuni ta' temm ta' impjieg tal-esponenta ma kinitx

waħda ġusta u suffiċjenti, iżda kienet terminazzjoni ta' impjieg illeċita u skorretta f'għajn il-liġi in kwantu li tirriżulta li kienet terminazzjoni sfurzata/*constructive dismissal*; jillikwida l-kumpens xieraq għal dak kollu soffert mir-rikorrenti b'riżultat tal-aġir tas-soċjeta intimata fuq imsemmi inkluż dak kollu soffert rigward it-terminazzjon sfruzata/*constructive dismissal*; jikkundanna lis-soċjeta tħallas lil esponenti dak il-kumpens hekk likwidat; jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ, neċessarju jew xieraq.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta ddikjarat li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha mill-post tax-xogħol kien biss riżultat ta' riżenja tagħha liema riżenja saret b'għażla libera tagħha stess u b'ebda mod ma jista' jiġi meqjus li kien hemm *constructive dismissal* u li l-allegazzjonijijet tar-rikorrenti li s-soċjeta trattat magħha b'xi mod diskriminatorju huma biss allegazzjonjiet bla bażi u purament invenzjoni tar-rikorrenti. Għaldaqstant is-soċjeta talbet lit-Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fi żmien xahar kif stabbilit mil-liġi minħabba limitazzjonijiet ta' faċilitajiet amministrattivi, in-numru ta' differimenti mitluba, u anke minħabba ċ-ċirkostanzi krejati mill-pandemija Covid-19.

**Sinteżi tax-Xhieda**

James Cassar, *Financial Controller* tal-Cavallieri Art Hotel liema lukanda hija mmexxija mill-Prestige Travel Marketing li għandha l-*management agreement* mal-landlords. Mistoqsi dwar jekk jiftakarx konversazzjoni li kellu ma' Alexander Boichiuck rigward id-differenza fil-paga tar-rikorrenti u l-kollegi tagħha, x-xhud qal li ma jiftakarx. Dwar il-kwistjoni tal-paga ix-xhud spjega li kien hemm problema fuq il-l*eave* għaliex ir-rikorrenti kienet ibbukjat xi titjiriet qabel ibbukjat il-*leave*. Imbagħad flimkien ma' Corinne, il-manager tar-rikorrenti indunaw li kien hemm xi żball kif kien qed joħroġ ir-roster tar-rikorrent b'riżultat li hija kienet ħadment tlettax-il siegħa inqas dak ix-xahar u għalhekk inqatgħulha tlettax-il siegħa *leave*. Dan kien żball min-naħa ta' Corinne li qaltlu biex jaqta' s-sigħat nieqsa mil-*leave* tagħha la kien żball tagħha pero kien jidher li dan kien żball ġenwin allura dan il-*leave* ma inqata' minn ta' ħadd. Mistoqsi dwar kif tiġi kkalkulata l-paga x-xhud qal li hemm struttura u *list of duties* għal kull rwol u dawn huma abbinati ma' paga fissa.

Is-soċjeta ippreżentat nota li fiha esebiet dokumenti li juru l-gradi kollha tal-impjegati fis-sezzjoni tal-*catering*, il-pagi tal-istess imjegati, lista ta' doveri ta' Junior Food and Beverage Supervisor u lista ta' doveri ta' Restaurant Manager.

Paul Cini kien Restaurant Manager ta' żewġ lukandi u kien impjegat mal-Prestige Group qabel irtira. Bħala Restaurant Manager huwa kien jieħu ħsieb *requisitions*, staff, intervisti, indafa u affarijiet li jkun hemm bżonn. Is-supervisors u junior supervisors kienu jilqgħu n-nies, joħdulhom room numbers u forsi jkun hemm xi xorb li dawn jordnaw eċċetera. Bejn supervisors u junior supervisors hemm differenza kbira fil-funzjonijiet u bejn Restaurant Manager u Supervisor ukoll hemm differenza imma kważi huma ta' supervisor. Huwa kien ilu sitt jew sebgħa snin Restaurant

Manager. Lir-rikorrenti huwa kien jafha u kienet ħabiba ħafna tiegħu. Hija kienet Junior Supervisor, tilqa' n-nies, tippanċja d-drinks u hekk. Ir-ristorant kien jopera b'sistema ta' *split shifts* sakemm ma kinux ikolllhom *lunch*. Ir-rikorrenti kienet taħdem fuq *split shifts*. Qabel sar Restaurant Manager huwa kien waiter imbagħad laħaq Supervisor. In kontro eżami x-xhud qal li r-roster kien jagħmlu hu jew il-Food and Beverage Manaager u dak ma kienx ir-responsabbilta ta' Junior Supervisors. Ir-requisitions hu biss kien jagħmlu u r-rikorrenti qatt m'għamlitu. Bħala tindif huwa kien responsabbli ukoll. Is-supervisors kienu jagħmlu x-xift tagħhom u jitilqu l hemm u ma kellhomx responsabbilta bħalma huwa tindif. Fir-rigward ta' ordnijiet kien jagħtihom hu jew ta' fuqu u huwa kien responsabbli mid-dixxiplina u sa ġieli anke waqqaf nies. Supervisors qatt ma waqqfu nies. In ri eżami x-xhud qal li sabiex laħaq fil-kariga tiegħu l-management kienu raw li kien interessat u tkellmu miegħu u huwa aċċetta. Huwa ma kien irċieva l-ebda ittra.

Paul Ciappara, *Human Resources Manager*, kien ilu mal-kumpannija tmien snin. Huwa qal li r-rikorrenti kienet impjegata mal-kumpannija bħala waitress imbagħad ħadet il-grad ta' Junior Supervisor fl-1 ta' Mejju 2017. Ma kien hemm l-ebda Junior Supervisor oħra impjegata magħhom. Supervisors kien hemm erbgħa oħra impjegati u Restaurant Managers kien hemm Paul Cini li ġie mpjegat magħhom fl-1 ta' Novembru 2009. Qabel kien Restaurant Manager Paul Cini kien Supervisor. Ix-xhud ippreżenta l-*letter of appointment* ta' Paul Cini u l-*letter of appointment* tar-rikorrenti. Ippreżenta ukoll serje ta' *emails* rigwardanti r-riżenja tar-rikorrenti. L-ewwel korrispondenza kienet mingħand Corinne Zrinzo li kienet responsabbli mill-Food and Beverage Department fejn din kienet talbitu joħroġ twissija lir-rikorrenti u d-dipartiment tiegħu kien bagħat din it-twissija lil Corinne Zrinzo sabiex hija tgħaddiha lir-rikorrenti u tiddiskutiha magħha. Spjega li kien hemm inkonsistenzi fid-dati fuq it-twissija u li dan kien ġenwinanament żball min naħa tiegħu għaliex huwa jaħdem minn fuq *templates*. Ir-rikorrenti kienet għamlet ilment li din it-twissija kienet pre meditata u ħafna allegazzjonijiet simili. Ix-xhud ippreżenta ukoll *grieviance report* li kienet għamlet ir-rikorrenti u dan kien datat l-għada tat-twissija fejn hija talbet li t-twissija tiġi kkanċellata. Meta rċieva dan huwa bagħat lil Corinne Zrinzo fejn talabha tattendi laqgħa flimkien mar-rikorrenti l-għada. Dakinhar tal-laqgħa r-rikorrenti ppreżentatlu dokument ta' żewġ paġni. Corinne kienet akkumpanjata minn Ivan Borg Ferrando li kien konsulent privat fil-Food and Beverage Department u huwa qal lil Iana li Corinne ser tkun akkumpjanata u saqsiha jekk tridx tgħid lil xi ħadd jassistiha u hija qalet li m'hemmx għalfejn. It-twissija ħarġet għaliex Iana kienet ċemplet li ser tieħu *sick leave* u Corinne qaltliha li kienu mħabbtin u Iana daħlet xogħol avaolja kellha ċertifikat mediku li kien ikopriha jumejn. Iana daħlet xogħol *buona volonta* tagħha u marret ma tiflaħx, pero ħassitha ma tiflaħx wisq u telqet nofs siegħa qabel il-ħin li kellha tispiċċa u għalhekk ħarġitilha t-twissija. Ix-xhud qal li f'għajnejh din it-twissija ma kinitx ġustifikata u bagħat korrispondenza liż-żewġ partijiet fejn irtiria t-twissija. Pero wara erbgħa u għoxrin siegħa huma rċivew ir-riżenja ta' Iana fejn infurmatu li kienet ser tirriżenja *"Esteemed Mr. Paul, I am writing to inform you that I resigned in protest from the position of Junior Supervisor at the Cavallieri. The recent events which occured over the past couple of days, including the meeting held on the 20th, were the last straw which broke the camel's back and I am left with no other choice but to resign also in light of previous differences as described in my letter dated 18th. Kindly note that I strongly feel the situation has now become absolutely unbearable and that I consider both your actions during the meeting and conclusions you have arrived as being unreasonable and discriminately breach of contract of employment from your part. Consequently please accept*

*this letter as my formal resignation of termination of our contract without notice. Kindly notice that i'm reserving all my rights at law."* Huwa weġibha għal din l-email. Mistoqsi jekk fil-laqgħa huwa saqsiex lir-rikorrenti jekk għadiex inkwetata bis-sitwazzjoni x-xhud insista li huwa għamel dak li kienet talbet hija u ċjoe li tiġi kkanċellata t-twissija. Fl-email huwa kien qal liż-żewġ partijiet li *"better communicaiton and respect needs to be made by both parties"* u hemmhekk ma ddejjaqx jieħu pożizzjoni favur Iana pero huwa kkummenta wkoll li anke r-rikorrenti kienet f'ċerti affarijiet *"out of line wkoll għax Corinne bdiet tgħidilha isma' int nistidnuk għat-training u ma tiġix. Kien hemm dawn it-tip ta' battibekki għaddejjin li ovvjament jiena ġbitilhom l-attenzjoni..."* Ix-xhud ippreżenta dokument bl-ogħla rimunerazzjoni ta' waiter, ta' junior supervisor, ta' supervisor u restaurant manager.

Joseph Saliba, Jobsplus, xehed li Paul Cini kien restaurant manager ma' Prestige Travel Marketing Limited mill-1 ta' Novembru 2009 u spiċċa fil-5 ta' Mejju 2019 għaliex kien wasal għall-eta tal-irtirar. Ix-xhud spjega li jekk ikun hemm tibdil fid-designation din ma tkunx neċessarjament riflessa fl-employment history.

Ir-rikorrenti xehdet li kienet impjegata mal-Cavalieri Hotel mill-2015 sa Ottubru 2017 u f'dan il-perjodu ingħatat żewġ promozzjonijiet. Il-ħolma tagħha kienet li tibni karriera hemm u rnexxiela. Pero meta kienet qed taħdem bħala junior supervisor hija kellha l-istess doveri bħal bħal ta' supervisor u kienet qed taqla' anqas. Kien hemm ukoll supervisor Mario li beda bħala waiter għal xi tlieta jew erbgħa xhur. Ir-rikorrenti kienet tħarrġu hi u hu ħa promozzjoni għal supervisor u mhux għal junior supervisor kif kienet hi. Hija qalet *"we were also understaffed and we didn't have enough plates, cutleries and glasses."* Fis-sajf tal-2017 hija sabet xogħol ieħor u meta marret tgħid lil Corinne din talbitha biex ma titlaqx għaliex l-affarijiet kienu ser imorru għall-aħjar u għandhom bżonnha. Hija talbitha biex tneħħilha *split shifts* u fil-bidu Corinne irrifjutat imbagħad offritilha xift ta' tmien sigħat bla break. Ir-rikorrenti qalet li qatt ma ilmentat imma imbagħad darba talbitha tiffirma għal tlettax-il siegħa leave li hija qatt ma talbet. Corinne qaltliha li jekk mhux ser tiffirma għal leave ma kinitx ser tieħu l-paga għaliex James kien sejjer btala. Hija ma ffirmatx pero wara indunat li dawn tnaqqsulha xorta. Ix-xhud qalet li Corinne kienet tibgħat għaliha l-uffiċċju u tipprova titfa' fuqha żbalji ta' ħaddieħor, u tipprova tindimidaha. Kien hemm inċident meta r-rikorrenti kienet ma tiflaħx ħafna u marret għand it-tabib li taha xi mediċini u qalilha tibqa' d-dar. Meta hija infurmat lil Corinne li ma tiflaħx, din qaltilha li kien hemm ħafna xogħol u ma kienx hemm replacement. Hija marret imma telqet ftit qabel li kienet xi ħaġa li ġieli għamlu. L-għada saret taf li ingħatat twissija fuq hekk għaliex hija ma kinitx għamlet xogħolha. Il-kollegi tagħha kienu jafu qabilha li ser taqla' twissija. Meta hija rat it-twissija li kienet datata qabel fil-fatt ġara l-akkadut hija kitbet lil HR Manager biex tispjegalu x'kien ġara u minn xiex kienet għaddejja. Waqt il-laqgħa s-Sur Ciappara qalilha li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni u li ma missiex kitbitha fl-ittra. Ir-rikorrenti qalet *"I felt very disappointed and unprotected because even in the meeting Mr. Ciappara told me that if I am not happy I'm here working in this hotel and I don't have a future working in the hotel.."* Ir-rikorrenti ippreżentat transcript u recording ta' x'intqal fil-laqgħa għax hija kienet irrekordjat kollox klandestinament.

In kontro eżami, r-rikorrenti xehdet li hija qed tgħid li kien hemm diskriminazzjoni għaliex darba saret taf li s-sur Cini kien jitħallas aktar minnha u darb'oħra kien hemm supervisor Mario li ħadem

tlett xhur mal-Cavalieri u ġie promoss għal Supervisor meta hija kienet diġa taħdem hemm għal sentejn u hija kienet ġiet promossa għal Junior Supervisor. Ix-xhud ikkonfermat illi hija qatt ma kellha x'taqsam mal-Argento Restaurant filwaqt li Paul Cini kien jieħu ħsieb ir-ristoranti fil-Cavalieri Hotel kif ukoll l-Argento Restaurant. Mistoqsija jekk hija kinitx tagħmel intervisti bħal Paul Cini hija wieġbet fin-negattiv, pero Paul Cini kien jitlobha x'taħseb dwar il-kandidati. Hija qalet li anke hi kienet tinforma lill-*housekeepers* dwar it-tindif tar-ristorant. Hija lanqas ma kienet tagħmel rosters u lanqas *requisitions*. Ir-rikorrenti ikkonfermat li Paul Cini kien jagħmel dan. Hija qatt ma kienet tirrapporta l-impjegati lis-superjuri tagħha u lanqas qatt ma keċċiet lil ħadd. Ir-rikorrenti qalet li xorta temmen li hija kienet diskriminata għaliex kienet titħallas anqas għal xogħol ugwali. Dwar li Paul Cini kien jaħdem l-Argento Restaurant hija qalet li safejn taf hi huwa Cavalieri biss kien jaħdem u Argento kien jaħdem qabel. Qalet ukoll li hija kellha dmirijiet oħra bħal per eżempju timmaniġja l-area madwar il-pool. Ir-rikorrenti qalet *"No we were doing the same. Maybe those things that you mentioned there were some maybe extra. But during the shift we had two supervisors on the floor, for example me and Paul Cini working, me and Mario working and the same shift and were were both on the floor. We were doing the same job at the same time. So, one was at the cash and one at the serving area and then next shift we were changing. One in the cash and another one in the restaurant."* Dwar Corinne r-rikorrent kienet qalet *"She was constantly calling the office to put mistakes on me."* Mistoqsija din kemm-il darba ġrat hija qalet li din ġrat *"less than ten and more than four"* u dan ġara fl-aħħar erbgħa jew ħames xhur. *"...she was trying to put on me everything that I was the one who was in charge and I didn't manage. But how can you manage when you have two hundred forks only and two teaspoons."* Ir-rikorrent qalet li meta Corinne kienet tkellimha dwar l-attitudni tagħha hija kienet tagħmel dan weħidha, wara li kellhom laqgħa mal-impjegati kollha hija talbitha tibqa' hemm ħalli tkellimha u r-rikorrenti qalet li ħassitha intimidata b'dan. Dwar il-laqgħa mas-Sur Ciappara r-rikorrenti qalet li huwa kien jgħinha ħafna u *"he is a very good person"* iżda meta staqsietu tistax tkun akkumpanjata minn xi ħadd waqt il-laqgħa huwa kien biddel id-diskors. Mistoqsija dwar xi stenniet bħala esitu mil-laqgħa r-rikorrenti qalet li hija riedet *"a fair result of the situation. ....Maybe take some measures against Corinne also."* Hija qalet li kienet kitbet li trid li t-twissija tiġi irtirata għaliex Paul Ciappara kien qalilha tikteb xi ħaġa li trid toħroġ mil-laqgħa. Mistoqsija kif ħassitha wara din il-laqgħa r-rikorrenti qalet "*The way they spoke to me and what they spoke to me and the voice tone that they spoke to me made me realise that I cannot continue working there because the result of the meeting was that he removed the warning but I was sure that they will create another situation to give me a real warning. Even with this letter to change my attitude. But my attitude was just the same. The quality of my work was the same. Maybe I wasn't that happy as before but I haven't had this issues with Corinne. She made me to sign. She was insisting to sign the leave I never asked for. And then this warning I got to know from my colleagues not from her. About that I'm having a warning. It was a nightmare honestly. Three years, almost three years I worked there and they were always good to me and telling me that I'm a very good worker and stay with us, don't go and in one moment everything changed from the best to the worst, to the one having warnings."*

**Sinteżi tat-Trattazzjoni**

L-avukat Mark Muscat għar-rikorrenti qal li dan il-każ għandu żewġ punti ewlenin, wieħed tal-*equal pay for work of equal value* u l-*constructive dismissal*. Fir-rigward tal-*equal pay* huwa għamel referenza għan-nota li kien ippreżenta u fejn kien elenka kawżi u għamel referenza għal-*Equal Pay Statutory Code of Practice* tal-Ingilterra. F'dan il-każ ġew ippreżentati tlett *job descriptions* – ta' Junior Supervisor, Supervisor u Restaurant Manager. Huwa qal li dawn huma 'broadly the same' u fil-fatt bejn il-pagi kull m'hemm differenza hija ta' għaxar ewro. Tal-Junior Supervisor u Supervisor huma l-istess u l-unika differenza hija ta' Restaurant Manager. Paul Cini qal li ilu seba' snin fil-kariga pero fid-dokument ippreżentat dan jidher li huwa kien ilu sentejn biss fil-kariga u r-raġuni hija li dan kien jagħmel l-istess xogħol, inbidillu t-titolu imma baqa' jagħmel l-istess xogħol. Skont l-*istatutory code* tal-Ingilterra meta tqabbel ix-xogħlijiet il-frekwenza ta' xi differenzi għandha tingħata attenzjoni mit-Tribunal sabiex tasal għal konklużjonijiet tagħha. Il-fatt li xi darba huwa kien keċċa lil xi ħadd ma jfissirx li x-xogħol huwa differenti. L-isforzi u demands fuq il-persuna dawn kienu l-istess. Fejn tidħol il-*constructive dismissal*, huwa qal li hawn qed nitkellmu fuq persuna barranija taħdem Malta u li kif kellha intopp fuq drittijiet tagħha u hija tkellmet bdew il-problemi. Waqt il-laqgħa hija bdiet tħossha intimidata anke mill-ambjent u *setup*, Corinne kienet ħadet rappreżentant li kien konsulent għoli fil-kumpanija u r-rikorrenti kienet weħidha. Hija kienet talbet għal rappreżentazzjoni u ġiet injorata. Wara l-laqgħa l-HR farfar minn fuqu, ma wissiex lil Corinne li m'għandhiex titratta lir-rikorrenti b'dak il-mod. Minn *grievance* li ressqet hi spiċċat kważi attakkata fuq li kienet qed tagħmel ħażin u tajjeb hi. Il-liġi tagħna tipproteġi lil ħaddiema billi titfa' obbligu fuq min iħaddem li jieħu ħsieb li ma jkunx hemm ambjent ostili ta' din il-kwalita.

L-avukat Anthony Cutajr għas-soċjeta intimata qal li mix-xhieda mismugħha ma jirriżulta l-ebda diskriminazzjoni, fir-rikors promotur issemma li r-rikorrenti kienet tingħata aktar jew anqas *split shifts* minn ħaddieħor pero dan ma inġiebet l-ebda prova. Hija qabblet ma' Paul Cini, mhuwiex minnu li Paul Cini qal li l-unika differenza bejn li kien jagħmel hu u li kienet tagħmel hi kien li jkeċċi lil xi ħadd għaliex kella 'kjutiks'. Fil-kontro eżami tar-rikorrenti saru serje ta' domandi fejn hija ġiet mistoqsija Paul Cini jagħmel hekk, int kont tagħmel hekk? Fir-rikors promotur r-rikorrenti ukoll allegat li kienet tħalliet barra mit-taħriġ li ingħata lil kollegi tagħha, dan ukoll ma ħareġ minn imkien mill-provi. Ir-rikorrenti ukoll għamlet ilment fuq il-*leave* li kien tnaqqsilha pero hija talbet rimedju għal dan u nagħtalha mill-ewwel. Meta ingħatat twissija hija oġġezzjonat hekk kif kien dritt tagħha li tagħmel, saret il-laqgħa fejn ma kien hemm l-ebda antagoniżmu fil-konfront tagħha, saqsewha x'riedet u hi qalet li riedet li t-twissija tiġi rtirata. Imbagħad wara bdiet iddawwarha li ma kinitx taf x'ser tikteb u xi ffirmat. Hija ingħatat raġun u saħansitra ġiet imfaħħra għaldaqstant ma jirriżultax mill-provi li dan huwa każ ta' constructive dismissal.

In replika l-avukat Muscat qal li mit-transcript tar-recording tal-laqgħa intqal li hija tħalliet il barra mit-taħriġ bi żball u li t-twissija ħarġet b'data żbaljata ukoll kien żball. Saru ħafna żbalji li qegħdin kollha ammessi fit-transcript. U huwa dak it-transcript li juri għalfejn ir-rikorrenti irriżenjat.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal hawnhekk għandu kawża fejn hemm żewġ talbiet u allegazzjonijiet u ċjoe li kien hemm diskriminazzjoni għaliex ir-rikorrenti kienet tagħmel xogħol ta' valur ugwali iżda ma kinitx titħallas l-istess u *constructive dismissal*.

Dwar il-*constructive dismissal* it-Tribunal jgħid li dan jissussisti meta l-azzjoni u/jew l-ommissjoni ta' min iħaddem tikkrea ambjent tant diżmali u mhux aċċettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jirriżenja. Skont ir-rikorrenti s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħha kienet poġġietha f'punt li ma kellha triq oħra ħlief li tirriżenja. L-ilmenti tar-rikorrenti kienu dwar Corinne li skont ir-rikorrenti, dejjem kienet tibgħat għaliha l-uffiċċju u tipprova titfa' żbalji ta' ħaddieħor fuqha. Hija qalet li wara li kellha l-laqgħa fl-uffiċċju tad-direttur tar-riżorsi umani u Corinne hija ħassitha intimidata u mhux protetta. Il-Tribunal fela fir-reqqa t-*transcript* tar-*recording* li kien sar klandestinament waqt din il-laqgħa u jqis li dan huwa l-'prova reġina' f'dan il-każ. Paul Ciappara qal *"we have to have a fair...give and take relationship..so listen what Corinne is saying...she doesn't feel that she has to deduct if you are late...because if you have to stay extra time...you do it..and that is what we expect from supervisors...so Iana you have to improve a little bit..but even Corinne needs to improve..obviously..Corinee needs to improve communication channel maybe you need to find an alternative line of communication.."* Dwar l-allegazzjoni li għamlet ir-rikorrenti li Paul Ciappara qalilha li m'għandiex futur fil-kumpannija mit-*transcript* joħroġ illi l-konversazzjoni kienet xi ftit differenti milli kif interpretatha hija. Hawnhekk it-Tribunal jerġa' jikkwota lil Paul Ciappara *"...you think you can continue to do a good job here and improve in the area we are discussing? I will ask the same question to Corinne...do you think you have a future here? Do you want to be here?"* A kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, il-management hawnhekk ġibed l-attenzjoni lil Corinne li anke hija għandha bżonn timmeljora l-komunikazzjoni mar-rikorrenti.

Madanakollu t-Tribunal kien fid-dmir li jidħol fil-mertu dwar jekk din ir-riżenja fil-fatt taqax fid-definizzjoni ta' *constructive dismissal*. Selwyn jgħid is-segwenti dwar *constructive dismissal*: *"Where the employee himself terminates the contract, with or without notice, in circumstances where he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's conduct: this is known as 'constructive dismissal', for although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudiation of the contract, and the employee accepts that repudiation by resigning. The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having been repudiated by the employer (Logabox Ltd v Titherley), and if he fails to do so, by word or by conduct, he is not entitled to claim that he has been constuctively dismissed (Holland v Glendale Industries Ltd)."*

F'dan il-każ huwa minnu li r-rikorrenti irriżenjat *"under protest"* pero fil-fehma ta' dan it-Tribunal għalkemm is-soċjeta għamlet xi żbalji fil-konfront tar-rikorrenti dawn dejjem ġew solvuti u saħansitra saret apoloġija lilha. Ir-rikorrenti qegħda tallega *constructive dismissal* għaliex is-soċjeta fetħitilha għajnejha dwar l-atteġjament tagħha u għamlet suġġerimenti fejn setgħet timmeljorha lilha nnifisha. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan l-atteġjament ma jammontax għal atteġjament intimidanti jew insopportabbli li jwassal għar-rikorrenti ma tkunx f'pożizzjoni li tkompli fl-impjieg tagħha u jirrimarka li ma jistx ikun li jekk prinċipal jiġbed l-attenzjoni ta'

impjegat jew iwiddbu dan jinstab ħati ta' *constructive dismissal*. Għaldaqstant it-Tribunal jqis li r-riżenja tagħha kienet waħda frettoluża.

Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni dan it-Tribunal jagħmel referenza għax-xhieda ta' Paul Cini fejn spjega x'kien jikkonsisti x-xogħol tiegħu u x-xhieda tar-rikorrenti fejn ġiet mistoqsija dwar x'kien jikkonsisti xogħolha meta mqabbel ma' dak ta' Paul Cini. F'din ix-xhieda ħareġ ċar li ma huwiex minnu li r-rikorrenti u Paul Cini kienu jagħmlu l-istess xogħol, għaldaqstant dan it-Tribunal ma jqisx li s-soċjeta intimata wettqet diskriminazzjoni mar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġie espost f'dan il-proċess, it- Tribunal ma jilqax it-talbiet tar-rikorrenti.
Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju